



Brussell, 14 ta' Lulju 2026
(OR. en)

9966/26

LIMITE

CORLX 558
CFSP/PESC 822
RELEX 752
COEST 427
FIN 787

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja
fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/642/oj>.

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (2) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li żewġ persuni ġuridiċi jiġu inklużi mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK. Barra minn hekk, huwa xieraq li jiżdiedu erba' entitajiet ġodda mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, li hija l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal restrizzjonijiet fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, u oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, bl-eċċezzjoni tal-emendi għall-Anness II tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, li għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Annessi tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-taqsima “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)”:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarusja) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarusja) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
“62.	European Trading Company LLC	ООО Европейская Трейдinговая Компания (ETK)	Indirizz: Room 1, 2; 4a Tenishevoy st., Smolensk, 21400, Russia Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russia Data tar-reġistrazzjoni: 9.10.2012 OGRN: 1126733000063 KPP: 673201001 INN: 6732050064 Post prinċipali tan-negozju: Russia	European Trading Company (ETK) hija sussidjarja ta' Belarusian Oil Company (BNK), l-esportatur ewlieni tal-Belarusja tal-petroleum. BNK hija proprjetà tal-akbar tliet intrapriżi tal-produzzjoni u tar-raffinar taż-żejt fir-Repubblika tal-Belarusja: Belorusneft, Naftan, u Mozyr Oil Refinery. Permezz tal-istruttura tas-sjieda tagħha, BNK hija kkontrollata mill-istat tal-Belarusja. Bħala sussidjarja ta' BNK, ETK hija wkoll indirettament ikkontrollata minn dawn l-entitajiet u hija proprjetà tagħhom. Il-kumpanija nħolqot biex tbigħ prodotti tal-petroleum prodotti minn Naftan u Mozyr Oil Refinery fit-territorju tal-Federazzjoni Russa. ETK telenka lil BNK, lil Naftan, lil Belorusneft u lil Mozyr Oil Refinery bħala s-sħab tagħha. Għalhekk, ETK hija assoċjata ma', il-proprjetà ta' u kkontrollata minn entitajiet responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili Belarusja u li jappoġġjaw lir-reġim ta' Lukashenka.	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elencar	Data tal- elencar
			Email: info@etkoil.ru Tel.: +7 (4812) 24 01 15 Sit web: https://www.etkoil.ru Entitajiet assoċjati: OJSC Naftan; OJSC Mozyr Oil Refinery; State Production Association Belorusneft; Belarusian Oil Company (BNK)		

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
63.	OJSC Mozyr Oil Refinery OAO magħrufa wkoll bħala Mozyrskii Neftepererabatyvayu shchii Zavod	ОАО Мозырский нефтеперерабатыва ющий завод	Indirizz: Mikhalki v/c 18, Mozyr district, Gomel region, 247782, Republic of Belarus Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Miftuħa, Raffinerija taż-żejt Post tar-reġistrazzjoni: Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 26.12.1991	Mozyr Oil Refinery hija waħda miż-żewġ raffineriji taż- żejt fil-Belarussja. Hija parti mill-grupp Belneftekhim, li ilu sanzjonat mill-Unjoni mit-3 ta' Awwissu 2023, u hija kważi kompletament proprjetà tal-istat tal-Belarussja u Slavneft. Ir-raffinerija għandha importanza sinifikanti għar- reġim ta' Lukashenka. Mozyr Oil Refinery hija wkoll sid parzjali ta' Belarusian Oil Company (BNK), l-esportatur ewlieni tal-Belarussja tal-petroleum, flimkien ma' Belorusneft u Naftan. Għalhekk, Mozyr Oil Refinery hija kkontrollata u tibbenefika minn entitajiet li jappoġġaw ir- reġim ta' Lukashenka u hija assoċjata magħhom. Minħabba l-importanza tagħha għall-ekonomija Belarussa, il- kumpanija qed tappoġġa wkoll ir-reġim ta' Lukashenka u tibbenefika minnu.	⁺ .

⁺ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal- ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
			Numru tar-reġistrazzjoni: 400091131 Post prinċipali tan-negozju: Belarus Tel: +375 236 37-33-30 Email: office@mn pz.by Sit web: https://mn pz.by Entitajiet assoċjati: Belarus State Property Committee OJSC Naftan; State Production Association Belorusneft; OJSC Belarusian Oil Company (BNK) Belneftekhim; European Trading Company LLC (ETK)		

- (2) fl-Anness II, l-entitajiet li ġejjin jiddaħħlu fil-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemminja fl-Artikoli 2c(7), 2d(7) u 2da:

“CHIP AND DIP LLC

OJSC Rogachev Plant Diaprojector

DISPLAY DESIGN BUREAU JSC

CJSC “Hull Products Plant”.”
